# Dikjarazzjoni Universali tar-Responsabbiltajiet tal-Bniedem

Proposta mill-InterAction Council fis-sena 1997

*Daħla*

Billi r-rikonoxximent tad-dinjità inerenti u tad-drittijiet indaqs u inaljenabbli tal-membri kollha tal-familja umana jifformaw il-pedament tal-libertà, il-ġustizzja u l-paċi fid-dinja u jimplika obbligazzjonijiet u responsabbiltajiet,

billi l-inżistenza esklussiva tad-drittijiet tista' tirriżulta f'konflitti, diviżjoni, u tilwim bla tmiem, u n-negliġenza tar-responsabbiltajiet tal-bniedem tista' twassal għall-anarkija u l-kaos,

billi r-regola tal-liġi u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem jiddependu fuq ir-rieda tal-irġiel u n-nisa li jaġixxu b'mod ġust,

billi l-problemi globali jeħtieġu soluzzjonijiet globali li jistgħu jinkisbu biss permezz ta' ideat, valuri, u normi rispettati mill-kulturi u mis-soċjetajiet,

billi n-nies kollha, fl-aħjar fehma u abbiltà tagħhom, għandhom ir-responsabbiltà li jrawmu ordni soċjali aħjar, sew f'darhom u sew globalment – għan li ma jistax jintlaħaq unikament permezz ta' liġijiet, preskrizzjonijiet, u konvenzjonijiet,

billi l-aspirazzjonijiet tal-bniedem għall-progress u t-titjib jistgħu jintlaħqu biss permezz ta' valuri u standards miftiehma li japplikaw għall-persuni u l-istituzzjonijiet kollha f'kull ħin u mument, Għalhekk issa,

L-Assemblea Ġenerali

tipproklama

din id-Dikjarazzjoni Universali tad-Responsabbiltajiet tal-Bniedem bħala standard komuni għall-popli u n-nazzjonijiet kollha, bil-għan li kull individwu u kull organu tas-soċjetà li jżomm din id-Dikjarazzjoni kontinwament f'moħħu, jikkontribwixxi għall-avvanz tal-komunitajiet u għall-kjarifika ta' kull wieħed u waħda mill-membri tagħhom. Aħna, il-popli tad-dinja b'hekk inġeddu u insaħħu l-impenji diġà pproklamati fid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem: jiġifieri, l-aċċettazzjoni sħiħa tad-dinjità tal-bnedmin kollha; il-libertà u l-ugwaljanza inaljenabbli tagħhom u s-solidarjetà tagħhom ma' xulxin. L-għarfien u l-aċċettazzjoni ta' dawn ir-responsabbiltajiet għandhom jiġu mgħallma u promossi madwar id-dinja.

## Prinċipji Fundamentali għall-Umanità

*Artikolu 1*

Kull persuna, irrispettivament mis-sess, l-oriġini etnika, l-istatus soċjali, l-orjentazzjoni politika, il-lingwa, l-età, in-nazzjonalità jew ir-reliġjon, għandha r-responsabbiltà li titratta n-nies kollha umanament.

*Artikolu 2*

Ebda persuna m'għandha tappoġġa xi forma ta' mġieba inumana, iżda n-nies kollha għandhom ir-responsabbiltà li jistinkaw għall-kisba tad-dinjità u l-awto-stima tal-oħrajn kollha.

*Artikolu 3*

Ebda persuna, ebda grupp jew organizzazzjoni, ebda stat, ebda armata jew pulizija ma tipprevali fuq it-tajjeb u l-ħażin – kollha huma suġġetti għal standards etiċi. Kulħadd għandu r-responsabbiltà li jippromwovi t-tajjeb u li jevita l-ħażen fl-affarijiet kollha.

*Artikolu 4*

In-nies kollha, mogħnija bir-raġuni u l-kuxjenza, għandhom jaċċettaw ir-responsabbiltà lejn kull wieħed u kull waħda, il-familji u l-komunitajiet, ir-razez, in-nazzjonijiet, u r-reliġjonijiet fi spirtu ta' solidarjetà: La tagħmilx lill-ħaddieħor dak li ma tixtieqx li jsir lilek.

© InterAction Council

## Non-Vjolenza u Rispett għall-Ħajja

*Artikolu 5*

Kull persuna għandha r-responsabbiltà li tirrispetta l-ħajja. Ħadd m'għandu d-dritt li jweġġa', jittortura jew joqtol persuna umana oħra. Dan ma jeskludix id-dritt għall-awtodifiża ġustifikata ta' individwi jew komunitajiet.

*Artikolu 6*

Kull tilwima bejn stati, gruppi jew individwi għandha tissolva mingħajr vjolenza. Ebda gvern m'għandu jittollera jew jipparteċipa f'atti ta' ġenoċidju jew terroriżmu, u lanqas m'għandu jsir abbuż fuq nisa, tfal, jew kwalunkwe persuni ċivili oħra bħala strumenti ta' gwerra. Kull ċittadin u uffiċjal pubbliku għandu r-responsabbiltà li jaġixxi b'mod paċifiku u mhux vjolenti.

*Artikolu 7*

Kull persuna hija prezzjuża infinitament u għandha tiġi protetta mingħajr kundizzjonijiet. Anke l-annimali u l-ambjent naturali għandhom jiġu protetti. In-nies kollha għandhom ir-responsabbiltà li jipproteġu l-arja, l-ilma u l-ħamrija tad-dinja għall-fini tal-abitanti preżenti u l-ġenerazzjonijiet ġejjiena.

## Ġustizzja u Soledarjetà

*Artikolu 8*

Kull persuna għandha r-responsabbiltà li ġġib ruħha b'integrità, onestà u ġustizzja. Ebda grupp jew bniedem m'għandu jisraq jew iċaħħad b'mod arbitrarju lil ebda bniedem jew grupp ieħor mill-proprjetà tiegħu.

*Artikolu 9*

In-nies kollha, meta fil-pussess tal-għodod meħtieġa, għandhom ir-responsabbiltà li jagħmlu sforzi serji biex jegħlbu l-faqar, il-malnutrizzjoni, l-injoranza, u l-inugwaljanza. Huma għandhom jippromwovu l-iżvilupp sostenibbli madwar id-dinja sabiex jiżguraw id-dinjità, il-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja għal kulħadd.

*Artikolu 10*

In-nies kollha għandhom ir-responsabbiltà li jiżviluppaw it-talenti tagħhom permezz ta' impenn diliġenti; dawn għandhom ikollhom aċċess indaqs għall-edukazzjoni u għal xogħol siewi. Kulħadd għandu joffri appoġġ lil min għandu bżonn, lill-iżvantaġġjati, lill-persuni b'diżabbiltà u lill-vittmi tad-diskriminazzjoni.

*Artikolu 11*

Il-proprjetà u l-ġid kollha għandhom jintużaw b'mod responsabbli skont il-ġustizzja u għall-avvanz tar-razza umana. Il-poter ekonomiku u politiku m'għandux jiġi wżat bħala strument ta' dominazzjoni, iżda fis-sens ta' ġustizzja ekonomika u ordni soċjali.

## Onestà u Tolleranza

*Artikolu 12*

Kull persuna għandha r-responsabbiltà li titkellem u taġixxi b'mod onest. Ebda persuna, irrispettivament mill-livell soċjali u poter, m'għandu jxerred il-gideb. Id-dritt għall-privatezza u għall-kunfidenzjalità personali u professjonali għandu jiġi rrispettat. Ħadd m'huwa obbligat li jgħid il-verità kollha lil kulħadd il-ħin kollu.

*Artikolu 13*

Ebda politiku, uffiċjal pubbliku, mexxej ta' negozju, xjentist, kittieb jew artist m'hu eżentat minn standards etiċi ġenerali, u lanqas it-tobba, l-avukati u nies oħra ta' professjoni li għandhom responsabbiltajiet speċjali

lejn il-klijenti. Il-kodiċi ta' etika professjonali jew oħra għandhom jirriflettu l-prijorità tal-istandards ġenerali bħalma huma dawk tal-honestà u l-ġustizzja.

*Artikolu 14*

Il-libertà tal-midja li tinforma lill-pubbliku u li-tikkritika l-istituzzjonijiet tas-soċjetà u l-azzjonijiet governattivi, li hija essenzjali għal soċjetà ġusta, għandha tintuża b'responsabbiltà u diskrezzjoni. Il-libertà tal-midja ġġorr responsabbiltà speċjali għal rappurtar preċiż u mingħajr gideb. Kull rappurtar sensazzjonalistiku li jiddegrada l-persuna jew id-dinjità umana għandu dejjem jiġi evitat.

*Artikolu 15*

Filwaqt li l-libertà reliġjuża għandha tiġi garantita, ir-rappreżentanti tar-reliġjonijiet għandhom ir-responsabbiltà speċjali li jevitaw espressjonijiet preġudikattivi u atti ta' diskriminazzjoni lejn dawk ta' twemmin differenti. M'għandhomx ixewxu jew jilleġittimizzaw il-mibegħda, il-fanatiżmu u l-gwerer reliġjużi, iżda għandhom jinkoraġġaw it-tolleranza u r-rispett reċiproku bejn in-nies kollha.

## Rispett Reċiproku u Sħubija

*Artikolu 16*

L-irġiel u n-nisa kollha għandhom ir-responsabbiltà li juru rispett lejn xulxin u li jisimgħu lil xulxin fis-sħubija tagħhom. Ħadd m'għandu jissoġġetta persuna oħra għal esplojtazzjoni sesswali jew dipendenza. Pjuttost, l-imsieħba sesswali għandhom jaċċettaw ir-responsabbiltà li jieħdu ħsieb lil xulxin.

*Artikolu 17*

Fil-varjetajiet kulturali u reliġjużi kollha tiegħu, iż-żwieġ jeħtieġ l-imħabba, il-lealtà u l-maħfra, bl-għan li jiggarantixxi s-sigurtà u l-appoġġ reċiproku.

*Artikolu 18*

Kull koppja għandha r-responsabbiltà li tippjana l-familja b'mod sensibbli. Ir-relazzjoni bejn il-ġenituri u t-tfal għandha tirrifletti l-imħabba reċiproka, ir-rispett, l-apprezzament u t-tħassib. Ebda ġenitur jew adult ieħor m'għandu jisfrutta, jabbuża jew jimmaltratta t-tfal.

## Konklużjoni

*Artikolu 19*

Din id-Dikjarazzjoni m'għandha xejn li jista' jiġi interpretat li xi stat, grupp jew bniedem għandu xi dritt li jidħol f'xi attività jew li jwettaq xi att bl-għan li jeqred xi wieħed mir-responsabbiltajiet, mid-drittijiet u l-libertà stipulati f'din id-Dikjarazzjoni u fid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1948.

© InterAction Council